MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta 12 ta' Ġunju, 2024

Appell Inferjuri Numru 95/2023 LM

**Argus Insurance Company (Europe) Limited (OC-1216)**
**u JM Novelton Limited (C 23988)**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**Citadel Insurance plc (C 21550) u John Camilleri (K.I. nru. 0222360(M))**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetajiet rikorrenti **Argus Insurance Company (Europe) Limited (OC-1216)** u **JM Novelton Limited (C-23988)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta assiguratriċi' u 'is-soċjetà appellanta' rispettivament, u flimkien 'l-appellanti'], minn lodo arbitrali numru M6377/2022

mogħti fit-22 ta' Settembru, 2023, [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali'], mill-Arbitru l-Avukat Josette Grech [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] fiċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem 'iċ-Ċentru'], li permezz tiegħu ddeċidiet it-talbiet tagħhom fil-konfront tas-soċjetà intimata **Citadel insurance plc (C 21550)** u tal-intimat **John Camilleri (K.I. nru. 0222360(M))** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata assiguratriċi' u 'l-appellat' rispettivament u flimkien 'l-appellati'], billi laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-imsemmija appellati, u ċaħdet it-talbiet tal-appellanti, bl-ispejjeż kontrihom.

## Fatti

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw inċident awtomobilistiku [minn issa 'l quddiem 'l-inċident'] li seħħ fil-31 ta' Diċembru, 2021 fi Triq San Ġwakkin, Marsascala, bejn il-vettura numru ta' reġistrazzjoni DCM 443 proprjetà tas-soċjetà appellanta u assigurata mas-soċjetà appellanta assiguratriċi, u l-vettura numru ta' reġistrazzjoni JGV 146 misjuqa mill-appellat u assigurata mas-soċjetà appellata assiguratriċi.

## Mertu

3. L-appellanti istitwew proċeduri fiċ-Ċentru permezz tal-preżentata ta' Avviż ta' Arbitraġġ u Dikjarazzjoni fis-7 ta' April, 2022, fejn talbu lit-Tribunal sabiex:

*"1. ... jiddikjara li l-intimat John Camilleri huwa unikament responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fil-31 ta' Diċembru 2021 bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DCM 443, proprjetà tas-soċjetà rikorrenti JM Novelton Ltd u assigurata b'polza ta' assigurazzjoni mas-soċjetà rikorrenti Argus Insurance Company (Europe) Limited, u, l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JGV 146*

*misjuqa mill-intimat John Camilleri u assigurata b'polza tal-assigurazzjoni mas-soċjetà intimata Citadel insurance plc;*

2. *... jillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fis-somma ta' għaxart elef u ħames mitt Ewro (€10,500), jew somma oħra verjuri;*
3. *... jikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, sabiex iħallsu d-danni hekk likwidati;*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 8 ta' Marzu 2022 (Ref nru 549/2022) u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' din it-talba, sad-data tal-pagament effettiv."*

4. L-appellati wieġbu permezz ta' Risposta ppreżentata fl-4 ta' Mejju, 2022, fejn issottomettew li l-inċident imsemmi seħħ unikament minħabba traskuraġni, imperizja u/jew non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naħa tax-xufier tal-vettura l-oħra.

**<u>Il-lodo arbitrali</u>**

5. L-Arbitru għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li wassluha għad-deċiżjoni finali:

*"Ikkunsidrat*

*L-Arbitru tagħmel referenza għad-dispost tal-artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili illi jistabilixxi illi* "Jitqies fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb ta' familja". *Fil-kamp ta' responsabilità akwiljani li jikkonċerna inċidenti stradali, l-Arbitru tqis li missier tajjeb ta' familja jsuq b'mod prudenti, b'adeżjoni mar-regolamenti stradali u konformi ma' dak li hu prevedibbli li jista' jinqala'.*

*Hija regola ġenerali fi kwistjonijiet ta' stħarriġ ta' responsabbilità f'ħabta jew inċident, li kull sewwieq irid iħares żewg regoli ewlenin, jiġifieri li: (a) jirregola s-sewqan tiegħu skont iċ-ċirkostanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi); u (b) jżomm attenzjoni (*proper look-out) *dwar dak li jkun qiegħed iseħħ fil-qrib jew huwa mistenni li jseħħ minnufih (Ara* **Middlesea Insurance plc et v. Joseph Saliba** *deċiża mill-Prim'Awla tal-*

*Qorti Ċivili fis-6 ta' Ġunju, 2018;* **Formosa & Camilleri Ltd et noe v. Joseph Camenzuli,** *Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża fis-26 ta' April, 2001;* **Stefano Bonello v. Carmelo Abela** *Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża fis-26 ta' April, 2001; u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Marzu, 2021, fl-ismijiet* **Janette Borg née Ciappara et v. Frangisku Pisani et.**

*L-Arbitru tibda biex tosserva li, bħalma jiġri solitament fi proċeduri simili għal dawk odjerni, il-verżjonijiet tal-partijiet involuti huma konfliġġenti u opposti għal xulxin. Mhux l-ewwel darba li min huwa tenut jiddeċiedi, jiġi rinfaċċjat b'verżjonijiet opposti għal xulxin, anzi meta ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dak li jiġri, cioe li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti. Dwar dan ingħad hekk f'sentenza fl-ismijiet* **George Bugeja vs Joseph Meilak** *Prim Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Ottubru 2003:*

"Fil-kamp ċivili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbilitajiet."

*Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell f'sentenza fl-ismijiet* ***Perit John M. Gambina vs. Fithome Ltd*** *Qorti tal-Appell tas-6 ta' Mejju 2011 irriteniet illi:* "Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilità, konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet li huma suffiċjenti f'kawża ċivili."

*Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* **GasanMamo Insurance Limited v. Joseph Caruana,** *deċiża fid-19 ta' Mejju, 2021, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) irreferiet għas-sentenza fl-ismijiet* **Jesmond Bonello v. Giulio Baldacchino** *(Appell ċivili 15 ta' Jannar 1997), fejn il-Qorti qalet hekk: "*...f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilità għall-inċident awtomobilistiku, il-Qorti għandha dejjem tiġġudika a bażi ta' dak li jirriżultalha li kienet il-kawża prossima u immedjata tiegħu u tapplika għalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolament u t-tħaris u l-ksur tagħhom li addebitaw ir-responsabbilità u mhux l-ekwità u l-ġudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li għandhom jiġu riġidament applikati. Dan biex jiġi assigurat l-ordni, fir-rispett tal-istess regolamenti, li wieħed jista' jipprevjeni l-inċident."

*Ikkunsidrat*:

*Dwar id-dinamika tal-inċident, jirriżulta li l-vettura misjuqa minn Matthew Farrugia, assikurat tas-soċjetà assiguratriċi Rikorrenti, telgħet il-bankina, biż-żewġ roti tal-lemin u eventwalment waqfet tul konsiderevoli 'il quddiem minn fejn seħħ l-impatt wara li tqaċċtet ir-rota tan-naħa tax-xellug konsegwenza tal-impatt mal-vettura misjuqa mill-Intimat. Il-ħsara li ssubiet il-vettura misjuqa minn Matthew Farrugia kienet waħda estensiva, tant li ġiet dikjarata* "beyond economical repair" *mis-*surveyor *Joseph Camilleri maħtur mis-soċjetà Rikorrenti.*

*Filwaqt illi Matthew Farrugia sostna li kien riżultat tal-impatt mal-vettura misjuqa mill-Intimat li huwa ġie mitfugħ fuq in-naħa tal-lemin, l-Arbitru ma temminx li din il-verżjoni hija waħda verosimili. X'aktarx ġara li Matthew Farrugia ttenta jiskapula l-vettura tal-Intimat Farrugia* [sic!]*, li osservaha fl-aħħar istanti, tela' l-bankina li l-istess Matthew Farrugia ddeskriva bħala* "għola"*, u eventwalment niżel minn fuq il-bankina, laqat il-ġenb lemini tal-vettura misjuqa mill-Intimat u baqa' mixi f'distanza 'l quddiem sakemm eventwalment waqaf. Il-fatt waħdu li l-vettura misjuqa minn Farrugia rnexxielha titla' l-għoli tal-bankina fuq in-naħa tal-lemin hija prova ċertament materjali li għandha piż u valur ħafna f'din l-istanza għaliex tagħti indikazzjoni tal-veloċità tas-sewqan.*

*L-Arbitru hija tal-fehma, fid-dawl tal-provi li tressqu, li l-vettura misjuqa minn Matthew Farrugia kienet qegħda tinstaq b'veloċità elevata u ċertament aktar mill-veloċità li allega li kien għaddej biha x-xufier tagħha. L-Arbitru tqis li l-veloċità li kien għaddej biha Farrugia ma kinitx konsiljabbli fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ partikolarment tat-triq inkwistjoni fejn hemm indikat limitu ta' veloċità ta' tletin kilometru fis-siegħa. Farrugia, li skontu huwa familjari tat-triq inkwistjoni, messu kien jaf li l-veloċità li kien għaddej biha ta' madwar ħamsin jew sittin kilometru fis-siegħa kienet in eċċess tal-limitu regolamentari u skonsiljabbli fit-triq in kwistjoni.*

*Li kieku Farrugia ma kienx qed isuq bil-veloċità eċċessiva li jidher li kien għaddej biha, l-inċident ma kienx iseħħ għaliex kien ikun aktar faċli għalih li jinnota l-vettura tal-Intimat Camilleri, li kienet ħarġet mill-post tal-parkeġġ u mxiet 'il quddiem, tenut kont li din hija triq dritta u kellu għalhekk viżwali ottima għal distanza konsiderevoli.*

*Il-fatt li Farrugia ma rnexxilux jara l-vettura misjuqa mill-Intimat u ħass biss l-impatt hekk kif stqarr huwa stess, għall-Arbitru jfisser ukoll li ma kienx attent għal dak li kien qed jiġri quddiemu, possibilment sforz tal-veloċità li kien għaddej biha. Meħud in konsiderazzjoni wkoll dak li saħansitra jikkonferma l-istess Farrugia fid-deposizzjoni tiegħu iġifieri li Triq San Ġwakkin hija dritta u twila, ma jistax jitwemmen li Farrugia kien qed iżomm* proper lookout *għaliex il-vettura misjuqa mill-Intimat Camilleri kienet*

*diġà fit-triq quddiemu wara li ħarġet mill-post tal-parkeġġ u għalhekk kellha tkun* "in the field of vision" *ta' Farrugia.*

*M'hemmx dubju li l-obbligu ta' kull sewwieq huwa li jżomm* proper lookout. *Fil-fatt fil-każ* **Dr Louis Bianchi noe vs Michelle Cassar** *Prim Awla, 6 ta' Novembru 1988, ingħad li:* "Tnejn huma l-prinċipji ġeneralment akkolti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza estera u lokali, in materja ta' inċidenti ta' traffiku stradali, li għandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jiġifieri...ommissis...b) hu anke dmir ta' sewwieq li jżomm dak li komunikament tissejjaħ "a reasonable lookout" liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġjonevolment viżibbli." *Huwa għalhekk dover ta' xufier* 'to see what is in plain view' *u li min ma jarax dak li raġjonevolment għandu jara jfisser li ma kienx qed iżomm* a proper lookout.

*Di più, il-fatt li ma ħax azzjoni evażiva ħlief fl-aħħar istanzi billi tela' l-għoli tal-bankina u waqaf f'distanza 'l quddiem, jimmilitaw kontra t-teżi tar-Rikorrenti u juru li Farrugia ma kienx f'posizzjoni li jikkontrolla l-vettura tiegħu. Fil-fehma tal-Arbitru kien hemm ħin suffiċjenti sabiex, xufier li jkun għaddej entro l-veloċità regolamentari, f'dik it-triq partikolari jara l-vettura misjuqa mill-Intimat toħroġ mill-parkeġġ u tinstaq tul ta' żewg vetturi.*

*Dawn il-fatturi jipperswadu lill-Arbitru li, huwa probabbli, li Matthew Farrugia kien qed isuq b'veloċità eċċessiva u mingħajr attenzjoni debita u dawn in-nuqqasijiet kienu l-kawża determinanti u prossima tal-inċident.*

*Issa, il-fatt li l-Arbitru qegħda tikkonkludi li Farrugia kien qed isuq b'veloċità qawwija, ma jfissirx li huwa awtomatikament unikament responsabbli. It-teżi tar-Rikorrenti hija illi l-Intimat Camilleri kien emerġa minn post ta' parkeġġ u għalhekk il-ħtija għandha tiġi addebitata lilu. Mill-provi prodotti jirriżulta li, qabel ma seħħ l-impatt, il-vettura misjuqa mill-Intimat John Camilleri kienet diġà ħarġet mill-parkeġġ u ddrittat fit-triq u skont il-verżjoni tal-Intimat Camilleri imxiet tul ta' żewg vetturi qabel seħħ l-impatt. L-Arbitru ma tistax tqis plawsibbli t-teżi li l-vettura misjuqa mill-Intimat ma kinitx għadha ħarġet jew inkella ma kinitx lanqas iddrittat fit-triq in kwistjoni qabel l-impatt kif jallegaw ir-Rikorrenti. Filwaqt illi huwa minnu li l-vettura misjuqa mill-Intimat tidher viċin il-vetturi pparkeġġjati fuq in-naħa tal-lemin tat-triq fir-ritratti li ttieħdu wara l-impatt, ma jistax jingħad li l-posizzjoni tagħha timmilita favur it-teżi tar-Rikorrenti. Li kieku l-vettura misjuqa mill-Intimat Camilleri ma kinitx diġà ħarġet fit-triq u ddrittat, il-posizzjoni tagħha fit-triq wara l-impatt ma kinitx tkun paralleli mal-vetturi parkeġġjati.*

*L-Arbitru tqis plawsibbli l-verżjoni tal-Intimat Camilleri li, qabel ma wettaq il-manuvra li joħroġ mill-post ta' parkeġġ, l-Intimat segwa dak li kien meħtieġ minnu billi ħares*

*fil-mirja u fiżikament dar lejn il-lemin sabiex ma jostakola ebda traffiku u tqis din il-verżjoni bħala kredibbli. Dan sostnih kemm in eżami u anke fil-kontro-eżami tiegħu u ma ġie bl-ebda mod kontradett, proprju għaliex l-uniku xhud l-ieħor tal-inċident li huwa Matthew Farrugia ma kienx f'posizzjoni jistqarr fejn kienet l-vettura l-oħra qabel l-inċident għaliex osservaha biss mal-impatt. Wara li l-Intimat Camilleri ħareġ mill-post tal-parkeġġ u beda miexi 'il quddiem u skontu, kien diġà kopra distanza ta' żewġ tulijiet ta' karozzi, ħarstu leġittimament kellu tkun 'il quddiem, u mhux lura u għalhekk l-Arbitru ma tistax issib li kien hemm nuqqas da parte tal-Intimat Camilleri minħabba l-fatt li osserva l-vettura li ħabtet miegħu biss mal-impatt għaliex din essenzjalment ġiet minn warajh.*

*Għal dan ir-raġunijiet, l-Arbitru ma ssibx li kien hemm negliġenza kontributorja da parte tal-Intimat Camilleri."*

## L-Appell

6. L-appellanti ħassew ruħhom aggravati bil-lodo arbitrali, u ntavolaw appell quddiem din il-Qorti fis-6 ta' Ottubru, 2023, fejn qegħdin jitolbu sabiex:

*"...din l-Onorabbli Qorti tal-Appell ... jogħġobha tilqa' dan l-appell, u tħassar u tirrevoka l-lodo arbitrali tat-22 ta' Settembru 2023 mogħti mill-Arbitru l-Avv. Josette Grech fl-ismijiet premessi, u tgħaddi għalhekk sabiex tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti appellanti u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati appellati.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati."*

L-appellanti jgħidu li l-aggravju tagħhom huwa li l-Arbitru ma tatx id-debita importanza għan-negliġenza li wera l-appellat, u għaldaqstant waslet għal konklużjoni erronja fir-rigward tar-responsabbiltà għall-inċident in kwistjoni.

## Ir-Risposta tal-Appell

7. L-appellati ppreżentaw it-tweġiba tagħhom fit-3 ta' Novembru, 2023, fejn issottomettew li l-lodo arbitrali huwa wieħed ġust u korrett fil-fatt u fid-dritt, u għaldaqstant jimmerita konferma fl-intier tiegħu minn din il-Qorti.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellanti fid-dawl tal-osservazzjonijiet u tal-konklużjonijiet magħmulin mill-Arbitru fil-lodo arbitrali tagħha, filwaqt li tqis ukoll is-sottomissjonijiet tal-appellati kif ippreżentati fit-tweġiba tagħhom.

9. L-appellanti qabel xejn jispjegaw dak li ġara dakinhar tal-inċident. Jissottomettu li fil-31 ta' Diċembru, 2021, fi Triq San Ġwakkin, Marsascala, l-appellat li kien qed isuq il-vettura numru ta' reġistrazzjoni JGV 146, naqas li jżomm *a proper lookout* hekk kif ħareġ mill-parkeġġ b'mod sigur. Jgħidu li madankollu l-Arbitru naqset li tagħti d-debita importanza għall-fatt li l-imsemmi appellat wera negliġenza, u dan wassal għal konklużjoni erronja fir-rigward tar-responsabbilità tal-inċident in kwistjoni. Wara li huma jiċċitaw dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru, 2000 fl-ismijiet **Moira Galea *vs.* Michael Zerafa**, u anki dak li fissret il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Jannar, 1947 fl-ismijiet **Carmelo Grech pro et noe *vs.* Michael Azzopardi**, jirrilevaw li l-lodo arbitrali jistrieħ fuq il-kwistjoni ta' viżibilità o meno tal-vettura tal-appellat fil-ħin li seħħ l-inċident, fejn l-Arbitru qalet *"[l]i kieku Farrugia ma kienx qed isuq bil-veloċità eċċessiva li jidher li kien għaddej*

*biha, l-inċident ma kienx iseħħ għaliex kien ikun iktar faċli għalih li jinnota l-vettura tal-intimat Camilleri."* L-appellanti jikkontendu li madankollu l-manuvra tal-appellat kienet waħda intempestiva u saret mingħajr d-debita attenzjoni neċessarja għal ħruġ sigur. Huma jagħmlu riferiment għall-Kodiċi tat-Triq u jiċċitaw l-artikolu 151 tiegħu. In sostenn tal-argument tagħhom, huma jagħmlu wkoll riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Francis u Josephine konjugi Fenech *vs.* Mark Montebello** deċiża fl-20 ta' Ottubru, 2003, u jiċċitaw silta minn dak li qalet il-Qorti hemmhekk dwar *"...min ikun ser jittraversa triq..."*. L-appellanti jikkontendu li minkejja l-appellat kien qabad it-triq tiegħu, huwa kien fixkel il-passaġġ tas-sewwieq Matthew Farrugia, b'mod li dan ma kellu l-ebda għażla għajr li jipprova jevitah. Jgħidu li għalkemm l-appellat qal li huwa kien tul ta' żewġ vetturi bogħod mill-ispazju tal-parkeġġ tiegħu, l-Arbitru osservat li Matthew Farrugia kien ra l-vettura tal-appellat biss ftit qabel seħħ l-inċident, u għalhekk ma setax jevitah, u dan fejn it-triq kient toffri viżibilità tajba. L-appellanti jinsistu li dan kien ifisser li meta ħareġ l-appellat mill-parkeġġ, it-triq ma kienitx libera, u iktar minn hekk isostnu li l-istess appellat kien jaf bil-vettura l-oħra, iżda xorta waħda baqa' ħiereġ għal ġot-triq. Jirrilevaw li dan il-fattur huwa wieħed importanti fejn jidħol it-tort li għandu l-appellat, u jgħaddu sabiex jiċċitaw dak li qalet il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Mejju, 2003 fl-ismijiet **Matthew Hayes noe *vs.* France Farrugia**. Jgħidu li kif jirriżulta minn din is-sentenza, huwa prinċipju stabbilit li s-sewwieq li joħroġ fil-karreġġjata għandu l-obbligu li jaċċerta li mhux se jagħmel dan quddiem vettura oħra li tkun ġejja b'veloċità. Il-fatt li l-vettura tal-appellat kienet tinstab f'pożizzjoni dritta wara l-inċident in kwistjoni, ma kienx ifisser li huwa ħareġ b'mod tempestiv. Jgħidu li mhux rilevanti hawnhekk kemm ħareġ malajr minn

postu meta dan sar b'mod li ostakola t-triq għal vettura li kienet ġejja fid-direzzjoni tiegħu. Għalhekk l-inċident seta' faċilment jiġi evitat, fejn l-appellat kellu jistenna. L-appellanti jikkontendu li l-Arbitru naqset milli tikkunsidra dawn il-fatturi li kkontribwew b'mod sostanzjali u definittiv għall-inċident in kwistjoni. Jgħidu ukoll li l-Arbitru ma kkunsidratx li l-inċident in kwistjoni ma setax ġie evitat mis-sewwieq Matthew Farrugia permezz ta' kura ordinarja jew saħansitra aqwa. Jissottomettu li kif qalet ukoll il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Cristino Zahra *vs.* Raymond G. Ashley** deċiża fl-24 ta' Ġunju, 1960, it-tort għandu jkun ta' min ikkaġunah, u fil-każ odjern kellu jinżamm responsabbli l-appellat minħabba l-ħruġ intempestiv, irregolari u irresponsabbli tiegħu.

10. L-appellati jsostnu li l-analiżi tal-appellanti hija waħda għal kollox skorretta għaliex l-inċident hawnhekk seħħ bejn żewġ vetturi li kienu mexjin fl-istess triq u fl-istess direzzjoni, proprju hekk kif il-vettura li kienet ġejja minn wara, ħabtet ġo dik li kien hemm quddiemha. Jirrilevaw li s-sewwieq Matthew Farrugia saħansitra ammetta li huwa ma kienx żamm *a proper lookout,* meta stqarr li *"jiena l-vettura l-oħra ma osservajthiex qabel l-impatt, però naħseb li ħarġet mill-*parking*".* L-appellati jispjegaw li l-impatt ma seħħx fil-post fejn hemm id-dħul għall-garaxx, iżda iktar 'il quddiem fejn l-appellat kien qabad isuq fit-triq, u qabel ma seħħ l-inċident, kien saħansitra saq it-tul tal-garaxx, u anki t-tul ta' żewġ vetturi oħra. Jirrilevaw li fejn il-vettura tal-appellat ġiet magħfusa ma' vettura oħra pparkeġġjata, dan kien il-*point of impact,* u b'hekk hija ssostanzjata l-verżjoni tal-istess appellati. B'riferiment għal wieħed mir-ritratti mehmużin mal-*vehicle accident report,* jissottomettu li mill-pożizzjoni tal-vetturi wara l-impatt, jirriżulta kif il-vettura tal-appellat intagħfset mal-vettura li kienet ipparkeġġjata, u dik misjuqa minn Matthew Farrugia baqgħet sejra għal tul ta' sitt vetturi oħra. L-

appellati jsostnu li ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li s-sewwieq Matthew Farrugia kien qiegħed dakinhar isuq b'veloċità straordinarja għal dik it-triq partikolari. Jissuġġerixxu li wisq probabbli li dan kien distratt, u hekk kif ra l-vettura l-oħra quddiemu, huwa pprova jevitaha billi jitla' fuq il-bankina. L-appellati jsostnu li l-verżjoni ta' Matthew Farrugia li huwa laqat il-vettura misjuqa mill-appellat hekk kif din ħarġet mill-parkeġġ tagħha, ma kienitx waħda li ssegwi, għaliex il-*point of impact* kien 'il quddiem sew mill-parkeġġ tal-vettura l-oħra. B'riferiment għal dak li qalet il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Dr. Louis Bianchi noe *vs.* Michelle Cassar** tas-6 ta' Novembru, 1988, huma jsostnu li s-sewwieq Matthew Farrugia ma kienx żamm *a proper lookout,* u minflok għamel manuvra perikoluża billi pprova jgħaddi bejn il-vettura tal-appellat u l-bankina b'veloċità eċċessiva. Jikkontendu li l-verżjoni tal-istess sewwieq mhijiex waħda loġika, għaliex il-*point of impact* seħħ iktar 'il fuq sew mill-post tal-parkeġġ tal-vettura tal-appellat. L-appellati jirrilevaw li l-Arbitru daħlet sew fil-provi, u waslet għall-konklużjoni li l-vettura l-oħra kienet qiegħda tinstaq b'veloċità qawwija, u mingħajr dubju iktar minn dik allegata mix-xufier tagħha. Jgħidu li filfatt dan kien ammetta li ma kienx jaf il-limitu tal-veloċità f'dik it-triq fejn seħħ l-inċident in kwistjoni, u qal saħansitra li huwa kien qiegħed isuq b'veloċità ta' madwar 50-60 kilometru fis-siegħa, u ma setax jikkontrolla l-vettura tiegħu peress li ma kienx għafas il-*brake.* L-appellati josservaw li filfatt ma kien hemm l-ebda *brake mark* fit-triq, u ma kienx jidher li s-sewwieq Matthew Farrugia waqaf meta huwa kien tela' l-bankina u lanqas meta daħal fil-vettura tal-appellat u tefagħha fuq karozza oħra, iżda mbagħad waqaf għal kollox iktar 'il isfel fit-triq bogħod it-tul ta' sitt vetturi mill-appellat. Jirrilevaw ukoll li l-Arbitru osservat li s-sewwieq Matthew Farrugia kien jaf sew it-triq fejn seħħ l-inċident, u

għalhekk kellu jkun jaf ukoll bil-limitu fuq il-veloċità ta’ sewqan hemmhekk, u mhux minflok ħa vantaġġ tal-fatt li ma kienx hemm vetturi oħra, u b’hekk saq in eċċess tal-limitu. Huma hawnhekk jiċċitaw ir-regolament 104 tal-Kodiċi Għat-Traffiku. Illi kuntrarjament għal dak allegat mill-appellanti li l-Arbitru naqset milli tikkunsidra l-fatti esterni li setgħu kkontribwew għall-inċident in kwistjoni, l-appellati jissottomettu li mil-lodo arbitrali joħroġ ċar li hija daħlet sew fil-każ li kellha quddiemha qabel ma waslet għad-deċiżjoni tagħha. Bħala punt finali, l-appellati jagħlqu billi jissottomettu li skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, qorti tal-appell ma tiddisturbax leġġerment l-apprezzament tal-fatti li jkun sar minn ġudikant, u fil-każ odjern din il-Qorti għandha tiddeċiedi fuq bażi ta’ probabbiltajiet fejn id-dinamika toħroġ ċar mill-ħsarat sofferti mill-vetturi u l-pożizzjoni tagħhom fit-triq.

11. Il-Qorti tgħid li l-lodo arbitrali huwa tajjeb. Wara li l-Arbitru ħadet in konsiderazzjoni d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili, irrilevat li kull sewwieq huwa tenut iħares żewġ regoli ewlenin fis-sewqan tiegħu: (a) jirregola s-sewqan tiegħu skont iċ-ċirkostanzi kollha; u (b) jżomm *a proper lookout* skont kif imfisser fil-ġurisprudenza tal-Qrati.

12. Proprju dwar l-inċident akkadut, l-Arbitru għarfet li ż-żewġ verżjonijiet tal-partijiet kienu konfliġġenti u opposti, u dan kif is-soltu jiġri f’proċeduri simili għal dawk odjerni. Ikkunsidrat li fil-każ preżenti, il-vettura misjuqa minn Matthew Farrugia assikurat mas-soċjetà appellanta assiġuratriċi, kienet telgħet il-bankina biż-żewġ roti tal-lemin u waqfet pjuttost distanza twila ’l quddiem minn fejn seħħ l-impatt, u dan wara li tqaċċtet ir-rota tan-naħa tax-xellug tagħha bl-impatt mal-vettura l-oħra misjuqa mill-appellat. L-Arbitru hawnhekk għamlet osservazzjoni

importanti. Irrilevat li l-vettura tal-imsemmi sewwieq Farrugia sofriet ħsarat estensivi, u saħansitra ġiet iddikjarata *“beyond economical repair”* mis-*surveyor* Joseph Camilleri, li ġie nkarigat mill-istess soċjetà appellanta assiġuratriċi. Stqarret li hija ma kienitx qiegħda temmen lis-sewwieq Farrugia, fejn dan kien qiegħed jikkontendi li bl-impatt il-vettura tiegħu kienet intefgħet lejn in-naħa tal-lemin. Qalet korrettement li x’aktarx huwa kien ipprova jevita l-vettura l-oħra li kien ra proprju fl-aħħar ħin, u dan billi saq għal fuq il-bankina li huwa kien saħansitra iddeskriva bħala waħda għolja. Kompliet tgħid li meta mbagħad huwa niżel minn fuqha, kien laqghat il-ġenb tan-naħa tal-lemin tal-vettura misjuqa mill-appellat, filwaqt li baqa’ miexi ’l quddiem sakemm eventwalment waqaf.

13. Iżda hawnhekk l-Arbitru kompliet tispjega għaliex kienet temmen li din hija l-verżjoni l-iktar verosimili, filwaqt li għamlet aċċenn qawwi fuq il-veloċità tal-vettura misjuqa mis-sewwieq Farrugia. Osservat li l-fatt li din il-vettura kienet irnexxielha titla’ l-għoli tal-bankina fuq in-naħa tal-lemin, kienet prova tassew rilevanti u importanti għaliex kienet tirrifletti b’mod ċar il-veloċità tas-sewqan ta’ dik il-vettura, li ċertament ma kienitx dik li allega s-sewwieq Matthew Farrugia. L-Arbitru esprimiet il-fehma li l-veloċità attwali tal-vettura misjuqa minnu, ma kienitx waħda li kellha tintuża f’ċirkostanzi fejn fit-triq kien hemm saħansitra indikat limitu ta’ veloċità ta’ tletin kilometru fis-siegħa. Qalet li għalhekk is-sewwieq Farrugia, li qal li kien familjari mat-triq fejn seħħ l-inċident, kellu jkun jaf li l-veloċità li biha kien qed isuq ta’ madwar ħamsin jew sittin kilometru fis-siegħa, kienet iktar mill-massimu permissibbli. L-Arbitru tajjeb osservat li l-inċident ma kienx iseħħ li kieku s-sewwieq Matthew Farrugia ma kienx qiegħed isuq b’dik il-veloċità qawwija li kienet tirriżulta, u dan għaliex meħud in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-triq hija dritta u tagħti viżwali tajba ferm għal distanza pjuttost twila,

huwa kellu jinduna bil-vettura tal-appellat meta din ħarġet mill-parkeġġ tagħha. Fil-fehma tal-Arbitru, il-fatt li l-istess sewwieq kien stqarr li huwa ma kienx ra l-vettura li kienet qiegħda tinstaq mill-appellat, iżda huwa kien ħass biss l-impatt bejn il-vetturi, kien jixhed li ma kienx attent għal dak li kien qed jiġri quddiem, forsi wkoll minħabba l-veloċità li kien qed isuq biha. Irrilevat b'riferiment għal dak li qalet il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Novembru, 1988 fl-ismijiet **Dr. Louis Bianchi noe vs Michelle Cassar**, li xufier għandu l-obbligu *'to see what is in plain view'*, u jekk huwa jonqos li jara dak li huwa raġonevolment għandu jara, dan kien ifisser li ma kienx qed iżomm *a proper lookout.*

14. L-Arbitru ġustament qalet li magħdud ma' dan, il-fatt li s-sewwieq Matthew Farrugia naqas li jieħu azzjoni evażiva, għajr fl-aħħar mument billi saq għal fuq il-bankina, kien jikkontradixxi l-verżjoni tal-appellanti, u kien juri biss kemm s-sewwieq Farrugia ma setax jikkontrolla l-vettura misjuqa minnu. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-Arbitru, li f'dik it-triq partikolari, sewwieq għaddej b'veloċità skont il-limitu, għandu biżżejjed ħin sabiex josserva vettura ħierġa mill-parkeġġ tagħha u tinstaq tul ta' żewġ vetturi. Il-Qorti tgħid li ċertament ma kienx iseħħ l-inċident in kwistjoni li kieku s-sewwieq Farrugia kien qiegħed isuq b'veloċità inqas mill-massimu permess, filwaqt li kien attent għal dak li kien qed jiġri fit-triq, iżda tgħid li l-veloċità qawwija li bla dubju kien qiegħed isuq biha, ma setgħetx tippermetti li huwa jinduna mill-ewwel bil-vettura tal-appellat. Għalhekk l-Arbitru korrettement ikkonstatat li l-kawża determinanti u prossima tal-inċident in kwistjoni, kienu proprju dawn iż-żewġ nuqqasijiet min-naħa tiegħu.

15. Iżda l-Arbitru kkunsidrat ukoll jekk l-appellat kienx ukoll responsabbli b'xi mod għall-inċident in kwistjoni, meta ħareġ bil-vettura tiegħu mill-parkeġġ tagħha. Irrilevat li mill-provi kien jirriżulta li din il-vettura kienet diġà ħarġet mill-imsemmi parkeġġ, u kienet imxiet ukoll it-tul ta' żewġ vetturi meta seħħ l-impatt. Qalet li kieku l-vettura tal-appellat ma kienitx ħarġet fit-triq u ddrittat, sussegwenti għall-impatt, ma kienitx tieqaf ma' ġenb il-vetturi pparkeġġjati.

16. L-Arbitru ddikjarat li kienet qiegħda tqis bħala plawsibbli l-verżjoni tal-appellat, u kkunsidratha bħala waħda kredibbli fejn ma ġiet kontradetta bl-ebda mod, proprju għaliex is-sewwieq Farrugia kien qal li huwa kien ra l-vettura tal-appellat hekk kif seħħ l-impatt. Il-Qorti tagħraf ukoll li l-verżjoni li ta l-appellat hija dik l-iktar konvinċenti, u dan meħudin in konsiderazzjoni l-fatti kollha riżultant, partikolarment il-pożizzjoni tal-vetturi rispettivi wara li seħħ l-impatt, u fejn kienet lokalizzata l-ħsara fl-istess vetturi.

17. L-Arbitru kkunsidrat ukoll li ma seta' jiġi addebitat l-ebda nuqqas lill-appellat, meta dan qal li huwa kien ra l-vettura misjuqa mis-sewwieq Farrugia proprju mal-impatt, u dan għaliex huwa kien tenut iżomm ħarstu 'l quddiem u mhux lura, wara li huwa kien qabad isuq tul ta' żewġ vetturi 'il hemm mill-parkeġġ tal-vettura.

18. Il-Qorti tikkondividi l-ħsibijiet tal-Arbitru, u tagħraf li tassew il-lodo arbitrali jindirizza kull aspett li kellu jittieħed in konsiderazzjoni. Tgħid li ma ssibx li l-Arbitru ma kkunsidratx il-possibilità ta' negliġenza min-naħa tal-appellat, anki fejn saħansitra qieset ukoll li skont dan tal-aħħar huwa ra biss il-vettura misjuqa mis-sewwieq Farrugia fil-ħin tal-impatt bejn il-vetturi. Il-Qorti tagħraf li minn dak kollu li ġie korrettement ikkonstatat mill-Arbitru, ma jistax jirriżulta li l-appellat

saq b'mod intempestiv u mingħajr id-debita attenzjoni, meta huwa ħareġ bil-vettura misjuqa minnu mill-parkeġġ tagħha, għaliex kienet proprju l-veloċità li biha kien qiegħed isuq is-sewwieq Matthew Farrugia li wasslet għall-inċident in kwistjoni, u li ma ppermettitlux li jara dak li kien *in plain view,* u jieħu azzjoni f'waqqtha hekk kif jara vettura tinstaq quddiemu. Barra minn hekk il-veloċità li biha kien qed isuq, ma ppermettietx lill-appellat li jinduna bil-vettura ġejja minn warajh, għaliex din ċertament waslet fuqu ħin bla waqt.

19. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx l-aggravju tal-appellanti ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Deċide</u>**

**Għar-ragunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-appellanti billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma l-lodo arbitrali fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern fiż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**<br>**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**<br>**Deputat Reġistratur**